# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fl-4 ta' April 2019[1]

**Kawża C-47/18**

**Skarb Panstwa Rzeczpospolitej Polskiej – Generalny Dyrektor Dróg Krajowych i Autostrad**
**vs**
**Stephan Riel, bħala amministratur stralċjarju ta' Alpine Bau GmbH**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna, l-Awstrija))

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 1(2)(b) – Fallimenti, proċedimenti li għandhom x'jaqsmu ma' għeluq ta' kumpanniji falluti, arranġamenti ġuridiċi, kompożizzjoni jew proċedimenti analogi – Azzjoni għal dikjarazzjoni ta' kreditu għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tiegħu fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza – Proċeduri ta' insolvenza – Regolament (KE) Nru 1346/2000 – Artikolu 41 – Kontenut tal-preżentazzjoni ta' kreditu – Rekwiżiti massimi – Dikjarazzjoni inkompleta – Indikazzjoni nieqsa dedotta mid-dokumenti ta' sostenn – Kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Istat Membru tal-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza prinċipali"

## I. Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(2)(b) u tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali[2], kif ukoll tal-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment[3].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Skarb Panstwa Rzeczpospolitej Polskiej – Generalny Dyrektor Dróg Krajowych i Autostrad (it-Teżor Pubbliku tar-Repubblika tal-Polonja – Direttur Nazzjonali tat-Toroq Nazzjonali u l-Awtostradi, il-Polonja, iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") u Stephan Riel, bħala amministratur stralċjarju fil-proċedura ta' insolvenza prinċipali miftuħa fl-Awstrija kontra Alpine Bau GmbH, fir-rigward ta' azzjoni għal dikjarazzjoni ta' krediti.

3. Permezz tar-raba' u tal-ħames domandi preliminari tagħha, li jikkostitwixxu s-suġġett prinċipali tal-analiżi tiegħi, l-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna, l-Awstrija) tistaqsi dwar il-grad ta' rekwiżit meħtieġ b'applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-validità ta' dikjarazzjoni ta' kreditu fil-proċedura ta' insolvenza prinċipali meta din id-dikjarazzjoni ma tinkludix indikazzjonijiet dwar id-data ta' tnissil tal-kreditu, iżda din tkun tista' tiġi dedotta mid-dokumenti ta' sostenn ipprovduti.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 ĠU 2012, L 351, p. 1.
3 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19, Vol. 1, p. 191.

4. Ser nuri kif għandha tingħata interpretazzjoni flessibbli tal-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 1346/2000, li ser twassalni sabiex nikkunsidra li r-rekwiżiti ta' din id-dispożizzjoni jkunu ssodisfatti ladarba l-indikazzjoni tad-data ta' tnissil tal-kreditu tkun tista' tiġi dedotta mid-dokumenti mibgħuta mill-kreditur u sabiex infakkar li l-konsegwenzi tal-assenza ta' tali preċiżjoni fl-istadju tal-verifika tal-kreditu huma rregolati mil-liġi tal-Istat Membru tal-ftuħ tal-proċedura (*lex concursus*).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Ir-Regolament Nru 1215/2012*

5. L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1215/2012 jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali independentament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal. Huwa m'għandux jestendi, b'mod partikolari, għal kwistjonijiet ta' dħul, dawk doganali jew amministrattivi jew għar-responsabbiltà tal-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċitar tal-awtorità tal-Istat (*acta iure imperii*).

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:

[…]

b) falliment, proċedimenti relatati mal-istralċ ta' kumpanniji insolventi jew ta' persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġudizzjarji, ftehimiet u proċedimenti analogi;

[…]"

#### *2. Ir-Regolament Nru 1346/2000*

6. Il-premessi 2, 8, 12, 18 sa 21 u 23 tar-Regolament Nru 1346/2000 jistabbilixxu:

"(2) Il-funzjonament xieraq tas-suq intern jeħtieġ illi l-proċedimenti ta' falliment trans-fruntieri joperaw b'effiċjenza u b'effettività u dan ir-Regolament għandu jiġi adottat sabiex jintlaħaq dan il-għan […]

[…]

(8) Sabiex jintlaħaq il-għan illi jinġiebu 'l quddiem l-effiċjenza u l-effettività ta' proċedimenti ta' falliment li għandhom effett trans-fruntier, huwa meħtieġ, u xieraq, li dispożizzjonijiet dwar ġurisdizzjoni, għarfien, u l-applikabilità tal-liġi f'dan il-qasam għandhom ikunu miġbura f'miżura ta' liġi tal-Komunità li tkun torbot u tapplika direttament fi Stati Membri.

[…]

(12) Dan ir-Regolament jawtorizza l-proċedimenti prinċipali ta' falliment li jinbdew fl-Istat Membru fejn id-debitur ikollu iċ-ċentru prinċipali ta' l-interessi tiegħu. Dawn il-proċedimenti għandhom l-iskop universali u l-għan li jkopru l-assi kollha tad-debitur. Sabiex tiġi protetta d-diversità ta' interessi, dan ir-Regolament jippermetti proċedimenti sekondarji li jinfetħu sabiex jimxu flimkien mal-proċedimenti prinċipali. Proċedimenti sekondarji jistgħu jinfetħu fl-Istat Membru fejn

id-debitur ikollu stabbiliment. L-effetti ta' proċedimenti sekondarji huma limitati għall-assi li jinsabu f'dak l-Istat. Regolu mandatorji ta' koordinazzjoni mal-proċedimenti prinċipali jissodisfaw il-ħtieġa ta' unità fil-Komunità.

[…]

(18) Wara l-ftuħ tal-proċedimenti prinċipali ta' falliment, id-dritt li jintalab il-ftuħ tal-proċedimenti ta' falliment fi Stat Membru fejn id-debitur ikollu stabbiliment mhux ristrett b'dan ir-Regolament. Il-likwidatur fil-proċedimenti prinċipali jew xi persuna awtorizzata permezz tal-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru tista titlob il-ftuħ tal-proċedimenti sekondarji ta' falliment.

(19) Proċeduri sekondarji ta' falliment jistgħu jservu diversi skopijiet, apparti mill-protezzjoni ta' interessi lokali. Jistgħu jinqalgħu każijiet fejn l-assi tad-debitur ikunu komplessi wisq biex jiġu amministrati bħala unità jew fejn id-differenzi fis-sistemi legali kkonċernati jkunu tant kbar illi jistgħu jinħolqu diffikultajiet mill-estenzjoni ta' effetti li joriġinaw mill-liġi ta' l-Istat tal-ftuħ lill-Istati l-oħra fejn ikunu jinstabu l-assi. Għal din ir-raġuni il-likwidatur tal-proċeduri prinċipali jista' jitlob għal ftuħ ta' proċedimenti sekondarji meta l-amministrazzjoni effiċjenti ta' l-assi tkun titlob hekk.

(20) Proċediment prinċipali ta' falliment u proċediment sekondarji jistgħu, b'dana kollu, jikkontribwixxu għar-realiżazzjoni effettiva ta' l-asso totali biss jekk il-proċedimenti kurrenti kollha pendenti jkunu koordinati. Il-kondizzjoni prinċipali hawnhekk hija illi l-likwidaturi varji għandhom jikkoperaw mill-qrib, b'mod partikolari bi tpartit ta' ammont suffiċjenti ta' informazzjoni. Sabiex jiġi assigurat ir-rwol dominanti tal-proċediment prinċipali ta' falliment, il-likwidatur fi proċedimenti bħal dawk għandu jingħata diversi possibbilitajiet għal intervent fi proċedimenti sekondarji ta' falliment li jkunu pendenti fl-istess żmien. Per eżempju, dan għandu jkun jista' jipproponi pjan ta' ristrutturar jew komposizzjoni jew għar-realiżazzjoni ta' l-assi fil-proċedimenti sekondarji ta' falliment li jkunu ser jiġu sospiżi.

(21) Kull kreditur, li jkollu ir-residenza abitwali tiegħu, id-domiċilju jew l-uffiċju rreġistrat fil-Komunità, għandu jkollu d-dritt li jippreżenta t-talbiet tiegħu f'kull waħda mill-proċedimenti ta' falliment pendenti fil-Komunità u li jkollhom x'jaqsmu ma' l-assi tad-debitur. […]

[…]

(23) Dan ir-Regolament għandu jesiġi, għall-materji koperti minnu, regoli uniformi dwar kunflitt ta' liġijiet, li jibdlu, fl-iskop tal-applikazzjoni tagħhom, ir-regoli nazzjonali tal-liġi privata internazzjonali. Sa kemm ma jingħadx mod ieħor, għandha tapplika l-liġi tal-Istat Membru tal-ftuħ tal-proċedimenti (*lex concursus*). Din ir-regola ta' kunflitt ta' liġijiet għandha tkun valida kemm għal proċedimenti prinċipali kif ukoll għal proċedimenti lokali; il-*lex concursus* tiddetermina l-effetti tal-proċedimenti ta' falliment, kemm proċedurali kif ukoll sostantivi, fuq il-persuni u relazzjonijiet legali li jikkonċernawhom. Jirregola il-kondizzjonijiet kollha għal ftuħ, it-twettieq u l-egħluq tal-proċedimenti ta' falliment".

7. L-Artikolu 3(1) sa (3) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Il-qrati ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinstab iċ-ċentru ta' l-interessi prinċipali tad-debitur għandu jkollu l-ġurisdizzjoni biex jiftaħ il-proċedimenti ta' falliment. Fil-każ ta' kumpannija jew persuna ġuridika, il-post ta' l-uffiċju rreġistrat għandu jkun meqjus li huwa ċ-ċentru ta' l-interessi prinċipali fin-nuqqas ta' prova għal kuntrarju.

2. Meta ċ-ċentru ta' l-interessi prinċipali ta' debitur ikun jinstab fit-territorju ta' Stat Membru, il-qrati ta' Stati Membri oħra għandhom ikollhom il-ġurisdizzjoni li jiftħu proċedimenti ta' falliment kontra dak id-debitur fil-każ biss li dak ikollu stabbiliment fit-territorju ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. L-effetti ta' dawk il-proċedimenti għandu jkun ristrett għall-assi tad-debitur li jkunu jinstabu fit-territorju ta' l-Istat Membru l-ieħor.

3. Meta proċediment ta' falliment jinfetħu permezz ta' paragrafu 1, xi proċedimenti miftuħa sussegwentament permezz ta' paragrafu 2 għandhom ikunu proċedimenti sekondarji. Dawn il-proċedimenti ta' l-aħħar għandhom ikun proċedimenti ta' l-egħluq".

8. L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"1. Ħlief fejn ipprovdut b' mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-liġi applikabbli għal proċedimenti ta' falliment u l-effetti tagħhom għandha tkun dik ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinfetaħ tali proċedura, minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala l-'Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti'.

2. Il-liġi ta' l-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti għandha tiddetermina l-kondizzjonijiet tal-ftuħ ta' dawk il-proċedimenti, il-manjiera tagħhom u l-egħluq tagħhom. Għandu jiddetermina b' mod partikolari:

[…]

h) ir-regoli li jirregolaw il-preżentazzjoni, il-verifika u l-ammissjoni tat-talbiet;

[…]"

9. Skont l-Artikolu 27 tal-istess regolament:

"Il-ftuħ tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(1) minn qorti ta' Stat Membru u li jkun rikonoxxut fi Stat Membru ieħor (proċedimenti prinċipali) għandu jippermetti l-ftuħ f'dak l-Istat Membru l-ieħor, li qorti tiegħu jkollu ġurisdizzjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 3(2), ta' proċedimenti sekondarji ta' falliment mingħajr ma l-falliment tad-debitur ikun eżaminat fl-Istat l-ieħor. Dawn il-proċedimenti ta' l-aħħar għandhom ikunu fost il-proċedimenti mniżżla f'L-Anness B. L-effetti tagħhom għandhom ikunu ristretti għall-assi tad-debitur li jkun jinstab fit-territorju ta' dak l-Istat Membru l-ieħor".

10. L-Artikolu 31(1) u (2) tar-Regolament Nru 1346/2000 huwa fformulat kif ġej:

"1. Bla ħsara għar-regoli li jirrestrinġu il-komunikazzjoni ta' informazzjoni, il-likwidatur fil-proċedimenti prinċipali u l-likwidaturi fil-proċedimenti sekondarji għandu jkollhom id-dmir li jikkomunikaw informazzjoni lill-xulxin. Għandhom immedjatament jikkomunikaw xi informazzjoni li tista' tkun relevanti għal proċedimenti l-oħra, b' mod partikolari l-progress magħmul fil-preżentazzjoni u l-verifika ta' talbiet u l-miżuri kollha li jkollhom il-għan li jitterminaw il-proċedimenti.

2. Suġġett għar-regoli applikabbli għal kull waħda mill-proċedimenti, il-likwidatur fil-proċedimenti prinċipali u l-likwidaturi fil-proċedimenti sekondarji għandhom ikollhom id-dmir li jikkooperaw flimkien".

11. Skont l-Artikolu 32(1) ta' dan ir-regolament, "[k]walunkwe kreditur jista' jippreżenta t-talba tiegħu fil-proċedimenti prinċipali u fil-proċedimenti sekondarji".

12. L-Artikolu 39 tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"Xi kreditur li jkollu r-residenza abitwali tiegħu jew id-domiċilju jew l-uffiċju rreġistrat fi Stat Membru apparti minn dak l-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti, inklużi l-awtoritajiet tat-taxxa u awtoritajiet tas-sigurtà soċjali ta' Stati Membri, għandu jkollu d-dritt li jippreżenta talbiet bil-miktub fil-proċedimenti ta' falliment".

13. L-Artikolu 40 tar-Regolament Nru 1346/2000 huwa fformulat kif ġej:

"1. Malli jinfetħu proċedimenti ta' falliment fi Stat Membru, il-qorti ta' dak l-Istat li jkollha l-ġurisdizzjoni, jew il-likwidatur maħtur minnha, għandha immedjatament tinforma lill-kredituri magħrufa li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom, id-domiċilju jew l-uffiċju irreġistrat f'xi Stati Membru oħra.

2. Dik l-informazzjoni, ipprovduta b'avviż individwali, għandha b' mod partikolari tinkludi limiti taż-żmien, il-penalitajiet imposti rigward dawk il-limiti ta' żmien, il-korp jew awtorità awtorizzata li taċċetta il-preżentazzjoni ta' talbiet u l-miżuri l-oħra mitluba. Avviż bħal dan għandu wkoll jindika jekk il-kredituri li t-talbiet tagħhom ikunu preferenzali jew assigurati *in rem* jenħtiegx li jippreżentaw it-talbiet tagħhom".

14. L-Artikolu 41 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Kreditur għandu jibgħat kopji ta' dokumenti sostenituri, jekk ikun hemm, u għandi jindika n-natura tat-talba, id-data li fiha din tkun saret u l-ammont tagħha, kif ukoll jekk jallegax preferenza, sigurtà in rem jew reserva ta' titolu fir-rigward ta' talba u liema assi jkunu koperti bil-garanzja li jinvoka".

15. L-Artikolu 42 tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"1. L-informazzjoni pprovduta fl-Artikolu 40 għandha tiġi pprovduta bil-lingwa uffiċjali jew b'waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat li jiftaħ l-proċedimenti. Għal dan l-iskop, għandha tintuża formola li jkollha l-intestatura 'Stedina għal preżentazzjoni ta' talba'. Limiti taż-żmien li għandhom jiġu osservati bil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-Istituzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea'.

2. Xi kreditur li jkollu r-residenza abitwali tiegħu, id-domiċilju jew l-uffiċju rreġistrat f'xi Stat Membru apparti minn dak l-Istat tal-bidu tal-proċedimenti jista' jippreżenta t-talba tiegħu fil-lingwa uffiċjali jew waħda mill-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat l-ieħor. F'dak il-każ, b'dana kollu, il-preżentazzjoni tat-talbiet tiegħu għandhom ikollhom l-intestatura 'Preżentazzjoni ta' talba' bil-lingwa uffiċjali jew b'waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat li jiftaħ il-proċedimenti. Barra minn hekk, dan jista' jiġi mitlub jipprovdi traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat li jiftaħ il-proċedimenti".

### *B. Id-dritt Awstrijak*

16. L-Artikolu 102 tal-Bundesgesetz über das Insolvenzverfahren (il-Liġi dwar l-Insolvenza) [4], tal-10 ta' Diċembru 1914, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali, jistabbilixxi:

"Il-kredituri għandhom jippreżentaw il-krediti tagħhom fil-proċedura ta' insolvenza skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin, anki jekk ikunu s-suġġett ta' kawża".

4 RGBl., 337/1914, iktar 'il quddiem l-"IO".

17. L-Artikolu 103(1) tal-IO jipprovdi:

"Id-dikjarazzjoni għandha tindika l-ammont tal-kreditu u l-fatti li fuqhom huwa bbażat, kif ukoll il-klassifika mitlub; hija għandha tispeċifika l-elementi ta' prova li jistgħu jiġi ppreżentati insostenn tal-kreditu allegat."

18. Skont l-Artikolu 104(1) tal-IO, il-krediti għandhom jiġu ddikjarati bil-miktub jew ikunu s-suġġett ta' dikjarazzjoni orali magħmula fil-proċess verbal quddiem il-qorti tal-insolvenza.

19. L-Artikolu 105 tal-IO, taħt it-Titolu "Seduta ta' verifika", jipprovdi fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

"1. L-amministratur stralċjarju u d-debitur għandhom jidhru waqt is-seduta ta' verifika […]

2. Il-krediti ddikjarati jiġu vverifikati fl-ordni li jikkorrispondi għall-klassifika tagħhom, jew meta jkunu tal-istess klassifika, fl-ordni li fih ikunu ġew iddikjarati.

3. L-amministratur stralċjarju għandu jagħmel dikjarazzjoni dwar l-eżattezza u l-klassifika ta' kull kreditu ddikjarat; meta jagħmel din id-dikjarazzjoni, huwa ma jistax jesprimi riżervi."

20. Skont l-Artikolu 108(1) tal-IO, "[l]-eżitu tas-seduta ta' verifika għandu jiġi rreġistrat fl-istat tal-krediti ddikjarati".

21. Skont l-Artikolu 109(1) tal-IO, kreditu huwa meqjus ikkonstatat fil-proċedura ta' insolvenza jekk ikun ġie aċċettat mill-amministratur stralċjarju u jekk ma jkun ġie kkontestat minn ebda kreditur li setgħa jagħmel dan.

22. L-Artikolu 110(1) tal-IO jipprovdi:

"Id-detenturi ta' krediti li l-eżattezza jew il-klassifika tagħhom jibqgħu kkontestati jistgħu jaġixxu għall-konstatazzjoni tal-eżistenza tagħhom, meta r-rimedju ġudizzjarju kontenzjuż huwa ammissibbli, billi jindirizzaw l-azzjoni tagħhom kontra dawk kollha li jikkontestawhom […]. Il-pretensjonijiet magħmula fil-kuntest ta' din l-azzjoni jistgħu jkunu bbażati biss fuq il-motiv invokat fil-kuntest tad-dikjarazzjoni u waqt is-seduta ta' verifika; dawn ma jistgħux jirrigwardaw ammont ikbar minn dak indikat f'dik l-okkażjoni."

23. Skont l-Artikolu 112(1) tal-IO:

"Id-deċiżjonijiet definittivi dwar l-eżistenza u l-klassifika tad-djun ikkontestati jipproduċu l-effetti tagħhom fir-rigward tal-kredituri kollha li huma parti mill-proċedura ta' insolvenza."

## III. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

24. Ir-rikorrenti, responsabbli mill-amministrazzjoni tat-toroq statali Pollakki, fdat lil Alpine Bau bit-twettiq ta' diversi proġetti ta' kostruzzjoni tat-toroq fil-Polonja, liema kuntratti ngħataw wara sejħiet għal offerti pubbliċi. Il-kuntratti relattivi għal dawn il-proġetti kienu jinkludu klawżoli dettaljati dwar id-danni u l-interessi li kellhom jitħallsu f'każ ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tagħhom.

25. Fid-19 ta' Ġunju 2013, infetħet proċedura ta' amministrazzjoni ġudizzjarja fl-Awstrija fir-rigward ta' Alpine Bau u S. Riel ġie maħtur amministratur stralċjarju ta' din il-kumpannija.

26. Fl-4 ta' Lulju 2013, din il-proċedura ġiet ikklassifikata mill-ġdid bħala proċedura ta' falliment. L-għada, wara deċiżjoni tal-Handelsgericht Wien (il-Qorti Kummerċjali ta' Vjenna, l-Awstrija), fil-fajl tal-proċeduri ta' insolvenza ġie indikat li din kienet proċedura ta' insolvenza prinċipali fis-sens tar-Regolament Nru 1346/2000.

27. Fil-Polonja nfetħet proċedura ta' insolvenza sekondarja kontra Alpine Bau quddiem is-Sąd Rejonowy Poznán-Stare Miasto w Poznaniu (il-Qorti Distrettwali ta' Poznán-Stare Miasto, il-Polonja).

28. Xi krediti ġew ippreżentati mir-rikorrenti fis-16 ta' Awwissu 2013 u fit-22 ta' Ġunju 2016 fil-proċedura ta' insolvenza miftuħa fl-Awstrija kif ukoll fis-16 ta' Mejju 2014 u fis-16 ta' Ġunju 2015 fil-proċedura ta' insolvenza sekondarja fil-Polonja.

29. Il-parti l-kbira tal-krediti hekk ippreżentati ġew ikkontestati minn S. Riel, maħtur fil-kuntest tal-proċedura ta' insolvenza prinċipali Awstrijaka, u mill-amministratur stralċjarju maħtur fil-kuntest tal-proċedura ta' insolvenza sekondarja Pollakka.

30. Fl-1 ta' April 2015, ir-rikorrenti ppreżentat fil-Polonja, azzjoni għal dikjarazzjoni ta' kreditu ta' PLN 309 663 865 zloty Pollakki (madwar EUR 73 898 402) [5].

31. Skont ir-rikorrenti, fl-1 ta' April 2015, Alpine Bau bdiet azzjoni intiża sabiex toġġezzjona għall-ammissjoni ta' kreditu ta' PLN 23 037 496.51 (madwar EUR 5 497 684). Hija tiddikjara wkoll li ż-żewġ azzjonijiet ġew magħquda, li jinsabu pendenti quddiem is-Sąd Rejonowy Poznań-Stare Miasto w Poznaniu (il-Qorti Distrettwali ta' Poznań-Stare Miasto, il-Polonja) u li "ħlief għal ftit eċċezzjonijiet, li prattikament huma negliġibbli" dawn l-azzjonijiet għandhom l-istess għan bħat-talba għal dikjarazzjoni ta' kreditu li għandha quddiemha l-qorti Awstrijaka.

32. Fil-fatt, fil-31 ta' Ottubru 2016, ir-rikorrenti ppreżentat ukoll, quddiem il-Handelsgericht Wien (il-Qorti Kummerċjali ta' Vjenna), azzjoni għal dikjarazzjoni ta' kreditu ta' EUR 64 784 879.43, filwaqt li skont l-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament Nru 1215/2012 talbet sospensjoni tad-deċiżjoni sakemm id-deċiżjoni fil-proċeduri pendenti fil-Polonja, dwar il-verifika ta' krediti, tikseb l-awtorità ta' *res judicata*.

33. Permezz ta' sentenza interlokutorja tal-25 ta' Lulju 2017, din il-qorti ċaħdet ir-rikors tar-rikorrenti għall-ammont ta' EUR 265 132.81, mingħajr ma ddeċidiet dwar it-talba għal sospensjoni tad-deċiżjoni.

34. Ir-rikorrenti appellat minn din is-sentenza quddiem l-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna), billi invokat, b'mod partikolari, difett proċedurali peress li l-Handelsgericht Wien (il-Qorti Kummerċjali ta' Vjenna) irrifjutat li tissospendi d-deċiżjoni, minkejja li l-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 1215/2012 jeħtieġ dan b'mod imperattiv.

35. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-ewwel lok, jekk l-azzjoni għal dikjarazzjoni ta' kreditu mressqa quddiemha taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1215/2012 jew dawk tar-Regolament Nru 1346/2000.

36. Fit-tieni lok, din tistaqsi dwar l-applikabbiltà tar-regoli dwar il-*lis pendens* meħuda mill-ewwel minn dawn ir-regolamenti direttament jew b'analoġija, f'każ ta' applikazzjoni tat-tieni regolament, li ma jinkludix dispożizzjonijiet simili.

5 Bir-rata tal-kambju tas-16 ta' Mejju 2014, data tal-preżentazzjoni tal-kreditu fil-proċedura ta' insolvenza fil-Polonja. Din isservi ta' referenza għas-somma ċċitata sussegwentement.

37. Fit-tielet lok, din tesprimi dubji dwar il-portata tar-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 1346/2000 dwar il-kontenut tal-preżentazzjoni ta' kreditu mill-kredituri stabbiliti fi Stat Membru. Peress li dawn il-preċiżjonijiet dwar in-natura tal-kreditu, fid-data ta' tnissil tiegħu u l-ammont tiegħu huma stabbiliti f'din id-dispożizzjoni sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-kredituri, dawn huma imposti wkoll meta ma jirriżultawx mil-liġi applikabbli, jiġifieri dik tal-Istat Membru tal-ftuħ tal-proċedura (*lex concursus*).

38. Qabel kollox, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li skont ġurisprudenza nazzjonali dwar l-Artikoli 103 *et seq*. tal-IO, il-kundizzjonijiet legali dwar il-kontenut tad-dikjarazzjonijiet ta' kreditu tal-passiv tad-debitur għandhom jiġu applikati b'mod strett sabiex waqt is-seduta ta' verifika tal-krediti ddikjarati, jkun hemm il-fatti kostituttivi kollha tad-djun li fuqhom l-azzjoni għal dikjarazzjoni ta' kreditu ser tkun ibbażata sussegwentement. Sussegwentement, din iżżid li skont id-dritt Awstrijak, id-data li fiha tnissel il-kreditu ma għandhiex tiġi indikata. Finalment, din tirrileva li f'dan il-każ, l-ispjegazzjonijiet dwar il-fondatezza tal-kreditu baqgħu globali u d-data ta' tnissil tal-kreditu tirriżulta biss mid-dokumenti ppreżentati mill-kreditur.

39. Konsegwentement, din tesprimi dubji dwar il-possibbiltà li jitqies li l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 1346/2000 jistabbilixxi regola massima u li d-dispożizzjonijiet tal-*lex concursus* iktar favorevoli jistgħu jiġu applikati, filwaqt li tenfasizza li din il-liġi tirregola l-effetti ta' preżentazzjoni inkompleta fis-sens ta' dan ir-regolament.

40. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"[1]) L-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament [Nru 1215/2012] għandu jiġi interpretat fis-sens li azzjoni għal dikjarazzjoni ta' kreditu skont id-dritt Awstrijaku tikkonċerna l-insolvenza fis-sens [ta' din id-dispożizzjoni] u li hija, konsegwentement, eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' dan ir-regolament?

[2]) (unikament fil-każ ta' risposta affermattiva għad-Domanda 1):

L-Artikolu 29(1) tar-Regolament [Nru 1215/2012] għandu jiġi applikat b'analoġija għal azzjonijiet relatati li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1346/2000?

[3]) (unikament fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda jew fil-każ ta' risposta affermattiva għad-Domanda [2]):

L-Artikolu 29(1) tar-Regolament [Nru 1215/2012] għandu jiġi interpretat fis-sens li talba li għandha l-istess suġġett u l-istess kawża titressaq bejn l-istess partijiet meta kreditur – ir-rikorrenti –, li jkun invoka kreditu identiku (essenzjalment) fil-proċedura ta' insolvenza prinċipali Awstrijaka u fil-proċedura ta' insolvenza sekondarja Pollakka, liema kreditu ġie kkontestat (essenzjalment) mill-amministraturi stralċjarji kkonċernati, jippreżenta, l-ewwel fil-Polonja kontra l-amministratur stralċjarju tal-proċedura sekondarja Pollakka, sussegwentement fl-Awstrija kontra l-amministratur stralċjarju tal-proċedura prinċipali – [S. Riel] – azzjonijiet għal dikjarazzjonijiet ta' kreditu ta' ċertu ammont?

[4]) L-Artikolu 41 tar-Regolament [Nru 1346/2000] għandu jiġi interpretat fis-sens li jkun issodisfa r-rekwiżit relatat mal-indikazzjoni tan-'natura tat-talba, id-data li fiha din tkun saret u l-ammont tagħha'

a) – bħal f'dan il-każ – il-kreditur li għandu s-sede tiegħu fi Stat Membru għajr l-Istat ta' ftuħ tal-proċeduri – ir-rikorrenti – li jillimita ruħu, fid-dikjarazzjoni ta' kreditu tiegħu fil-proċedura ta' involvenza prinċipali, li jiddeskrivi l-kreditu billi jindika ammont konkret, iżda mhux id-data li fiha tnissel (billi jużа pereżempju t-termini 'kreditu tas-subappaltatur JSV Slawomir Kubica fir-rigward tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet fit-toroq')

b) u li, għalkemm ebda data ta' tnissil tal-kreditu ma hija indikata fid-dikjarazzjoni stess, data ta' tnissil tista' madankollu tiġi dedotta mill-annessi mehmuża mad-dikjarazzjoni ta' kreditu (pereżempju, abbażi tad-data li tidher fil-fattura prodotta)?

[5] ) L-Artikolu 41 tar-Regolament [Nru 1346/2000] għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali iktar favorevoli, *in concreto*, lill-kreditur li jiddikjara li għandu s-sede tiegħu fi Stat Membru għajr l-Istat ta' ftuħ tal-proċeduri – fir-rigward, pereżempju, tar-rekwiżit tal-indikazzjoni tad-data ta' tnissil tal-kreditu?"

## IV. L-analiżi tiegħi

41. Qabel ma niżviluppa l-analiżi tiegħi, li fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata għar-raba' u għall-ħames domandi preliminari dwar l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 1346/2000, ser nippreċiża fil-qosor dak li fil-fehma tiegħi jiġġustifika li r-risposta għall-ewwel domanda preliminari, li tirrigwarda element preliminari li fuqu hija bbażata r-riflessjoni, titqies bħala miksuba, jiġifieri li l-azzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

42. L-ewwel nett, għandu jiġi ppreċiżat li r-Regolament Nru 1346/2000 li daħal fis-seħħ fil-31 ta' Mejju 2002 [6] u fil-25 ta' Ġunju 2017 [7], japplika f'dan il-każ minħabba d-data tal-introduzzjoni tal-proċedura ta' insolvenza prinċipali, jiġifieri d-19 ta' Ġunju 2013.

43. It-tieni nett, fid-dawl tal-prinċipji mfakkra fis-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Valach *et* [8], fil-punti 24 sa 27 u 37, dwar il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tar-Regolamenti Nri 1346/2000 u 1215/2012 [9], essenzjalment riprodotti fi tliet sentenzi reċenti, jiġifieri dik tal-4 ta' Ottubru 2018, Feniks [10], kif ukoll dawk tal-14 ta' Novembru 2018, Wiemer & Trachte [11], u tas-6 ta' Frar 2019, NK [12], dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [13], imħassar mir-Regolament Nru 1215/2012, inqis li l-azzjoni għal dikjarazzjoni ta' kreditu prevista fl-Artikolu 110 tal-IO taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1346/2000.

6 Ara l-Artikolu 47 ta' dan ir-regolament.

7 Ara l-Artikolu 84(2) kif ukoll l-Artikoli 91 u 92 tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU 2015, L 141, p. 19, rettifika fil-ĠU L 349, 21.12.2016, p. 9), li ħassar u ssostitwixxa r-Regolament Nru 1346/2000, applikabbli, essenzjalment, mis-26 ta' Ġunju 2017.

8 C-649/16, EU:C:2017:986.

9 Ara wkoll, il-ġurisprudenza ċċitata f'dawn il-punti.

10 C-337/17, EU:C:2018:805 (punti 30 u 31).

11 C-296/17, EU:C:2018:902 (punti 29 u 30).

12 C-535/17, EU:C:2019:96 (punti 24 sa 26)

13 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42.

44. Fil-fatt, din l-azzjoni għal dikjarazzjoni ta' kreditu tista' tiġi introdotta biss fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza, f'każ ta' kontestazzjoni dwar l-ammont, l-eżattezza jew il-klassifika ta' krediti ddikjarati mill-kredituri li jipparteċipaw f'din il-proċedura. Barra minn hekk, din għandha l-għan li tivverifika li r-rekwiżiti fil-qasam ta' dikjarazzjoni ta' krediti kienu osservati. Finalment, fit-tmiem ta' din l-azzjoni ta' dikjarazzjoni ta' kreditu, l-ammont tal-massa tal-insolvenza li għandu jitqassam huwa ddeterminat u infurzabbli, skont l-eżistenza u l-klassifika tal-krediti kkontestati, għall-kredituri kollha partijiet fil-proċedura ta' insolvenza.

45. Fil-fehma tiegħi, minn dan jirriżulta li azzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali toħroġ direttament minn proċedura ta' insolvenza u taqa' taħt din il-proċedura b'mod strett, b'tali mod li din ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012.

46. Issa, wara din il-preċiżazzjoni, nista' nesponi l-elementi tar-risposta għall-aħħar żewġ domandi tal-qorti tar-rinviju, dwar il-portata tal-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 1346/2000, li nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina flimkien.

47. Il-qorti tar-rinviju esprimiet dubji dwar il-konsegwenzi tal-assenza ta' indikazzjoni, fid-dikjarazzjoni tar-rikorrenti, tad-data li fiha tnissel il-kreditu tagħha, peress li din id-data tista' tiġi dedotta mid-dokumenti ta' sostenn ippreżentati u li din il-preċiżazzjoni ma hijiex meħtieġa mil-liġi nazzjonali.

48. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna tinterpreta, għall-ewwel darba, l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 1346/2000 sabiex tiddeċiedi dwar in-natura obbligatorja tal-kontenut tal-preżentazzjoni ta' kreditu kif stabbilit f'din id-dispożizzjoni.

49. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-kliem tagħha u l-għanijiet imfittxija minnha, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-kuntest tagħha kif ukoll id-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni [14].

50. Għalhekk, fl-ewwel lok għandha tiġi kkonstatata l-assenza ta' diskussjoni dwar eventwali diverġenza fil-formulazzjoni tal-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 1346/2000 fil-verżjonijiet lingwistiċi li stajt nivverifika [15].

51. Fit-tieni lok, jista' jiġi ppreċiżat li tali dispożizzjoni diġà kienet tinsab fi kliem identiku fil-Konvenzjoni tat-23 ta' Novembru 1995 dwar il-proċeduri ta' insolvenza [16]. Minkejja li din il-konvenzjoni ma daħlitx fis-seħħ minħabba nuqqas ta' ffirmar minn Stat Membru, din ikkostitwixxiet il-bażi tal-abbozzar tar-Regolament Nru 1346/2000 [17].

14 Ara s-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et* (C-621/18, EU:C:2018:999, punt 47).

15 Jiġifieri l-verżjonijiet fil-lingwa Spanjola, Ġermaniża, Ingliża u Taljana.

16 Dokument tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea CONV/INSOL/X1, disponibbli fuq l-indirizz tal-internet segwenti: https://www.lynxlex.com/fr/text/insolvabilit%C3%A9-r%C3%A8gl-13462000/rapports-explicatifs-utiles/3519. Dispożizzjoni analoga tinsab ukoll fl-abbozz tal-Konvenzjoni dwar il-falliment, proċedimenti li għandhom x'jaqsmu ma' għeluq ta' kumpanniji falluti, arranġamenti ġuridiċi, kompożizzjoni jew proċedimenti analogi tal-1980, ippubblikat mar-rapport ta' spjega ta' J. Lemontey fil-*Bulletin des Communautés européennes*, Suppliment 2/82, disponibbli fuq l-indirizz tal-internet segwenti: https://publications.europa.eu/fr/publication-detail/-/publication/bdfe47f1-678d-45f3-94cb-6aff207d4fc1/language-fr/format-PDF/source-88176377.

17 Dwar il-ġenesi tar-Regolament Nru 1346/2000, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Eurofood IFSC (C-341/04, EU:C:2005:579, punt 2 u n-noti ta' qiegħ il-paġna 3 u 4), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Senior Home (C-195/15, EU:C:2016:369, punti 19 u 20).

52. Fit-tielet lok, kif diġà ġie ppreċiżat mill-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jitqies li r-rapport ta' spjega ta' Miguel Virgós u ta' Étienne Schmit dwar il-Konvenzjoni dwar il-proċedura ta' insolvenza [18], iservi ta' referenza għall-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1346/2000 [19], b'mod partikolari fir-rigward tal-għanijiet mfittxija.

53. Dawn l-awturi enfasizzaw li d-dispożizzjonijiet speċjali tal-Konvenzjoni tat-23 ta' Novembru 1995 dwar il-preżentazzjoni ta' krediti, li jidderogaw mill-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedura, huma intiżi sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-kredituri fiż-żona Ewropea billi jistabbilixxu rekwiżiti utli għall-identifikazzjoni tat-talbiet tagħhom [20].

54. Dan japplika wkoll għar-Regolament Nru 1346/2000. Għalhekk, skont l-Artikolu 4(2)(h) tiegħu, ir-regoli dwar il-preżentazzjoni, il-verifika u l-ammissjoni tal-krediti huma ddeterminati mil-liġi tal-Istat Membru tal-ftuħ tal-proċedura. Il-Kapitolu IV ta' dan ir-regolament, intitolat "Proviżjoni ta' informazzjoni għal kredituri u preżentazzjoni tat-talbiet tagħhom" li jinkludi l-Artikoli 39 sa 42, jikkostitwixxi eċċezzjoni għal dan il-prinċipju, peress li fl-Artikoli 39 u 41 kif ukoll fl-Artikolu 42(2) tal-imsemmi regolament hemm ippreċiżati ċerti modalitajiet ta' eżerċizzju tad-dritt li jiġu ppreżentati, fil-proċedura ta' insolvenza, krediti mill-kredituri li jinsabu fi Stat Membru ieħor differenti mill-Istat tal-ftuħ.

55. Fir-raba' lok, fir-rigward tal-portata ta' dawn ir-regoli dwar il-preżentazzjoni ta' krediti, fir-rapport Virgós-Schmit ġie ppreċiżat li, fid-dawl tal-għan imfittex [21], il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax timponi kundizzjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-kontenut ta' din il-preżentazzjoni [22]. L-imsemmija regoli jippermettu li tiġi żgurata l-validità tal-preżentazzjoni tal-kreditu fir-rigward tal-liġi tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedura applikabbli għall-finijiet tal-verifika tiegħu.

56. Din l-analiżi hija aċċettata minn diversi kummentaturi tar-Regolament Nru 1346/2000 [23], li jieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntest innovattiv li fih ġiet trattata l-kwistjoni tad-dritt tal-kredituri u l-perspettiva pragmatika ħafna li minnha ġiet indirizzata.

18 Dan huwa dokument tal-Kunsill 6500/1/96, REV 1, tat-8 ta' Lulju 1996 (iktar 'il quddiem ir-"rapport Virgós-Schmit"), disponibbli fuq l-indirizz tal-internet segwenti: https://www.lynxlex.com/fr/text/insolvabilit%C3%A9-r%C3%A8gl-13462000/rapports-explicatifs-utiles/3519. Il-verżjoni definittiva tat-test sħiħ bl-Ingliż tinsab fix-xogħol ta' Moss, G., Fletcher, I., Isaacs, S., *The EC Regulation on Insolvency Proceedings : a Commentary and Annotated Guide*, Oxford University Press, Oxford, 2002, p. 261 sa 327 (fir-rigward tad-data eżatta ta' dan ir-rapport, ara p. 261).

19 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Eurofood IFSC [C-341/04, EU:C:2005:579, punt 2, iċċitati fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Senior Home (C-195/15, EU:C:2016:369, nota ta' qiegħ il-paġna 11), kif ukoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 5, li tippreċiża: "[ir-]rapport Virgós-Schmit li kien l-oriġini ta' ħafna premessi tar-regolament qatt ma ġie ppubblikat f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* minkejja li jeżisti f'forma ta' dokument tal-[Kunsill] tat-8 ta' Lulju 1996 – 6500/1/96. […] Ara wkoll [Balz, M., 'The European Union Convention on insolvency proceedings', *American Bankruptcy Law Journal*, National Conference of Bankruptcy Judges, Laguna Beach, 1996]. M. Balz ippreseda l-grupp ta' ħidma tal-grupp tal-[Kunsill] dwar il-falliment, li abbozza l-konvenzjoni. Huwa jiddikjara li r-rapport Virgós-Schmit kien is-suġġett ta' 'diskussjonijiet vivaċi u li kien ġie approvat mid-delegati esperti iżda li bid-differenza għall-konvenzjoni, dan ma kienx approvat formalment mill-Kunsill tal-Ministri. Madankollu dan igawdi minn awtorità kbira fiil-qrati tal-Istati Membri' (nota 51)"].

20 Ara r-rapport Virgós-Schmit (punt 273).

21 Ara l-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

22 Ara r-rapport Virgós-Schmit (punt 273).

23 Ara, b'mod partikolari, Raimon, M., *Le règlement communautaire 1346/2000 du 29 mai 2000 relatif aux procédures d'insolvabilité*, Librairie générale de droit et de jurisprudence, collection "Droit des affaires", Pariġi, 2007, punt 546, p. 180. Ara wkoll, Hess, B., Oberhammer, P., u Pfeiffer, T., b'kooperazzjoni ma' Piekenbrock, A., u Seagon, C., *External Evaluation of Regulation n° 1346/2000/EC on Insolvency Proceedings*, 2014, punt 8.2, p. 372, b'mod partikolari fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1139, ir-referenzi segwenti: Moss, G., Fletcher, I., Isaacs, S., *The EC Regulation on Insolvency Proceedings: a Commentary and Annotated Guide*, It-Tieni Edizzjoni., Oxford University Press, Oxford, 2009, punt 8.410; Riedemann, S., "Article 41", *Europaïsche Insolvenzverordnung*, De Gruyter, Berlin, 2007, punt 14; iżda ara wkoll, Ghia, L., "Regulation N. 1346/2000 and Protection of Creditors", *International Insolvency Law Review*, C.H. Beck, Munich, 2011, p. 313 sa 320, b'mod partikolari p. 320.

57. Għalhekk, wara li għall-proċedura ta' insolvenza prinċipali ġiet stabbilita l-idea ta' universalità tal-falliment permezz tal-istabbiliment tal-prinċipju ta' libertà ta' preżentazzjoni ta' krediti fl-Artikolu 39 tar-Regolament Nru 1346/2000 favur il-kredituri li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom, id-domiċilju tagħhom jew is-sede tagħhom fi Stat Membru differenti mill-Istat tal-ftuħ, u billi ġie marbut mal-possibbiltà li jiġu ppreżentati krediti mhux biss fil-proċedura prinċipali, iżda wkoll fil-proċeduri sekondarji, prevista fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament Nru 1346/2000, il-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa regoli li jiżguraw l-ugwaljanza tal-kredituri.

58. Din l-ugwaljanza hija bbażata fuq l-unità tal-patrimonju u fuq il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, minkejja li l-kriterju applikat hawnhekk huwa dak tad-domiċilju tal-kredituri kkonċernati u mhux in-nazzjonalità tagħhom [24].

59. Dan huwa għalfejn, sabiex jiżgura żvolġiment effettiv tal-proċedura ta' insolvenza [25], il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li jistabbilixxi fl-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 1346/2000 regoli komuni massimi li jipproteġu lil kredituri li jinsabu fi Stat Membru differenti minn dak li fih infetħet il-proċedura ta' insolvenza. Għandu jiġi osservat li, għall-istess raġunijiet, il-kontenut tad-dikjarazzjonijiet kien stabbilit mingħajr tibdil fir-Regolament 2015/848 [26].

60. Dawn huma regoli tad-dritt sostantiv [27]. Bħall-Gvern Spanjol u l-Gvern Pollakk, nikkunsidra li dawn għandhom ikunu s-suġġett ta' interpretazzjoni flessibbli għar-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem.

61. L-ewwel nett, nikkonstata li l-leġiżlatur tal-Unjoni llimita l-qafas tal-preżentazzjoni ta' kreditu għall-kontenut tiegħu u għall-ammissjoni ta' dokumenti pprovduti mill-kreditur li juru l-eżistenza tal-kreditu u tal-ammont tiegħu. Kif kien enfasizzat ftit wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1346/2000, mhux il-kwistjonijiet kollha marbuta mal-proċedura tad-dikjarazzjoni huma indirizzati [28]. Għalhekk huwa possibbli li jitqies li l-Artikolu 41 ta' dan ir-regolament jirrappreżenta forma inkompleta tal-uniformizzazzjoni tal-proċedura ta' dikjarazzjoni ta' krediti [29].

62. Għalhekk, l-assenza ta' proċedura uniformi stabbilita għall-eżerċizzju tad-dritt tal-preżentazzjoni ta' krediti u l-fakultà li jiġu ppreżentati dokumenti ta' sostenn twassalni sabiex inqis li ma jistax jiġi impost li l-indikazzjonijiet dwar il-kreditu, elenkati fl-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 1346/2000, għandhom jissemmew fil-preżentazzjoni u ma jistgħux jiġu dedotti mid-dokumenti ta' sostenn ipprovduti.

63. It-tieni nett, l-ammissjoni ta' dokumenti ta' sostenn, imposta mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jidhirli li toffri marġni ta' diskrezzjoni, ibbażat fuq il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali applikabbli, fl-assenza ta' sanzjoni uniformi, fl-evalwazzjoni tal-validità tal-preżentazzjoni jew sabiex tipproċedi bir-regolarizzazzjoni tagħha.

24 Ara Vallens, J-L., "La mise en oeuvre du règlement communautaire sur les procédures d'insolvabilité: questions de procédure", *Recueil Dalloz*, Dalloz, Pariġi, 2003, Nru 21, p. 1421 sa 1427, b'mod partikolari l-Parti IX, p. 1427, li tiċċita lil Rémery, J-P., "Les aspects européens de la déclaration des créances dans une procédure collective ouverte en France", *Revue de procédures collectives*, LexisNexis, Pariġi, 2003, Nru 40, p. 66; kif ukoll *External Evaluation of Regulation nº 1346/2000/EC on insolvency proceedings*, op. cit., punt 8.1, p. 369 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 1123. Ara wkoll, Jazottes, G., "Article 53", *Le règlement (UE) 2015/848 du 20 mai 2015 relatif aux procédures d'insolvabilité, commentaire article par article*, Société de législation comparée, Collection "Trans Europe Experts", Pariġi, vol. 12, p. 311 sa 317, b'mod partikolari p. 312, it-tieni paragrafu. Ara, b'mod kuntrarju, Raimon, M., op. cit., punt 543, p. 179.

25 Ara l-premessa 2 tar-Regolament Nru 1346/2000.

26 Ara l-Artikolu 55(2)(b) u (e) tar-Regolament 2015/848.

27 Ara b'mod partikolari, Raimon, M., op. cit., punt 536, p. 177; kif ukoll fil-ktieb intitolat *Le règlement (UE) 2015/848 du 20 mai 2015 relatif aux procédures d'insolvabilité, commentaire article par article*, op. cit., Jazottes, G., "Article 53", p. 311 sa 317, b'mod partikolari p. 316, u Maréchal, C., "Article 55", p. 323 sa 329, b'mod partikolari p. 326, parti B, l-ewwel paragrafu, *in fine*.

28 Ara Vallens, J-L., op. cit.

29 Ara r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000dwar proċedimenti ta' falliment [COM(2012) 743 finali] (punt 9, l-ewwel paragrafu).

64. Fil-fatt, il-fażi ta' preżentazzjoni tal-krediti għandha neċessarjament tkun distinta minn dik tal-verifika tagħhom, li tibqa' suġġetta għal-liġi nazzjonali, skont l-Artikolu 4(2)(h) tar-Regolament Nru 1346/2000. Għalhekk, din il-liġi tiddetermina l-konsegwenzi tal-irregolarità tad-dikjarazzjonijiet tal-kreditur, u, jekk dawn ikunu inkompleti, kif inhu l-każ f'din il-kawża, tista' tipprovdi li jiġu rregolarizzati permezz ta' diversi dokumenti, jekk ikun il-każ, fuq talba tal-awtorità responsabbli mill-verifika tagħhom [30].

65. Jidhirli li tali proċeduri jirrispondu għat-tħassib leġittimu espress mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tan-neċessità li ma tiġix ikkumplikata l-missjoni tal-amministratur stralċjarju billi jkun obbligat iwettaq tfittxija ta' diversi dokumenti.

66. It-tielet nett, l-għan ta' protezzjoni tal-kredituri mfittex b'mod kostanti, kemm mir-Regolament Nru 1346/2000 kif ukoll mir-Regolament 2015/848, jimplika li l-grad ta' rekwiżit fir-rigward tal-kredituri waqt il-preżentazzjoni tal-krediti tagħhom fi Stat Membru ieħor jiddependi mill-kundizzjonijiet ta' informazzjoni tagħhom, mit-terminu impost għall-preżentazzjoni ta' krediti u mid-diffikultajiet lingwistiċi li jistgħu jiltaqgħu magħhom.

67. B'mod iktar preċiż, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li n-natura inkompleta tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1346/2000 iġġustifikat emendi sostanzjali, minħabba problemi prattiċi marbuta ma' ċerti aspetti tal-preżentazzjoni ta' krediti li kienu identifikati fl-istudju ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, ippreżentati f'rapport ippreparat mill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 46 tal-imsemmi regolament [31].

68. Il-kobor ta' dawn id-diffikultajiet jiġġustifika li l-Kummissjoni tfittex soluzzjonijiet intiżi sabiex jiżguraw l-effettività tad-dritt ta' preżentazzjoni ta' krediti, fl-assenza ta' armonizzazzjoni tad-drittijiet nazzjonali f'dan il-qasam [32], kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-kredituri. Dawn ġew ikkonkretizzati bil-possibbiltà li d-dikjarazzjoni ta' krediti ssir bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni aċċettat mil-liġi tal-Istat fejn tinfetaħ il-proċedura ta' insolvenza [33] u bl-iżvilupp ta' formola ta' talba standard li fiha tiġi ppreċiżata l-informazzjoni obbligatorja [34] sabiex tiffaċilita u tiżgura l-validità tal-preżentazzjoni ta' krediti [35].

69. F'dan il-kuntest, interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 1346/2000, kif sostnuta mill-Kummissjoni, li jkollha l-effett li teskludi l-preżentazzjoni ta' kreditu, akkumpanjata minn dokumenti ta' sostenn li minnhom jistgħu jinsiltu, mingħajr diffikultajiet partikolari għall-amministratur stralċjarju jew għall-qorti adita, l-indikazzjonijiet utli għad-determinazzjoni tad-data tat-tnissil tal-kreditu, filwaqt li, barra minn hekk, ma jkunx ċert li l-kreditur huwa informat b'mod korrett b'rekwiżit dwar dan il-punt jew f'terminu suffiċjenti li jippermettilu jissodisfa dan l-obbligu, jidhirli li ma hijiex kompatibbli mal-għan imfittex mir-Regolament Nru 1346/2000, intiż sabiex jissemplifika l-passi tal-kredituri, u lanqas mal-obbligu li tiġi żgurata l-ugwaljanza tagħhom.

30 Ara f'dan is-sens, l-osservazzjonijiet bil-miktub konkordanti magħmula mill-partijiet fil-proċedura prinċipali dwar il-fakultà li jiġu pprovduti indikazzjonijiet addizzjonali matul il-proċedura ta' verifika ta' krediti, kif ukoll, b'mod partikolari, il-liġi u l-ġurisprudenza Franċiża analoga, kif esposta minn Vallansan, J., "Sauvegarde, redressement et liquidation judiciaires – Déclaration et admission des créances", *JurisClasseur Commercial*, LexisNexis, Pariġi, faxxiklu 2352 tal-14 ta' Settembru 2015 (aġġornat l-aħħar fil-15 ta' Ġunju 2018), punti 84, 88, 89 u 93 sa 95. Ara wkoll, Raimon, M., op. cit., punt 546, p. 180.

31 Ara r-rapport iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29 ta' dawn il-konklużjonijiet (punti 1.1., 1.2. u 9.). F'dan l-aħħar punt jissemmew id-diffikultajiet segwenti: "il-barriera tal-lingwa, l-ispejjeż, it-termini li għandhom jiġu osservati għall-preżentazzjoni ta' krediti u l-assenza ta' informazzjoni dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ, il-likwidatur u l-modalitajiet tal-liġi tal-Istat tal-ftuħ dwar il-preżentazzjoni ta' krediti".

32 Ara Maréchal, C., op. cit., b'mod partikolari p. 327.

33 Ara l-Artikolu 53 tar-Regolament 2015/848, simili għall-Artikolu 39 tar-Regolament Nru 1346/2000 li jipprevedi l-preżentazzjoni bil-miktub.

34 Ara l-Artikolu 55(1) tar-Regolament 2015/848 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1105 tat-12 ta' Ġunju 2017 li jistabbilixxi l-formoli msemmija fir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU 2017, L 160, p. 1). Ara b'mod speċjali, l-Anness II, punt 6.2., tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/1105. Madankollu, skont l-Artikolu 55(4) tar-Regolament 2015/848, l-użu ta' din il-formola huwa fakultattiv, u l-kreditur għandu l-għażla li juża mezzi oħra sabiex jippreżenta l-kreditu tiegħu, bil-kundizzjoni li l-istess informazzjoni obbligatorja msemmija minn dan ir-regolament tkun tidher fihom.

35 Ara Brulard, Y., *et*, *L'insolvabilité nationale, européenne et internationale, le règlement européen du 20 mai 2015*, Tome 1, Anthemis, Limal, 2017, punt 24, p. 328.

70. Jidhirli li f'dan ir-rigward, il-paragun mal-proċedura organizzata b'mod sostanzjali[36] fir-Regolament 2015/848 huwa determinanti. Fil-fatt, jista' jiġi enfasizzat li billi juża l-formola standard ta' preżentazzjoni ta' krediti, il-kreditur ikun dejjem informat b'mod ċar bl-obbligu li jindika d-data li fiha tnissel il-kreditu[37].

71. Konsegwentement, nikkunsidra li għandu jiġi aċċettat li d-dikjarazzjoni ta' kreditu tiġi kkompletata abbażi tad-dokumenti ta' sostenn li l-komunikazzjoni tagħhom hija prevista fl-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 1346/2000 u li hija l-awtorità kompetenti, responsabbli mill-verifika ta' din id-dikjarazzjoni, li għandha tevalwa l-konsegwenzi li għandhom jinsiltu min-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti ta' dan l-artikolu, skont il-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu nfetħet il-proċedura prinċipali.

## V. Konklużjoni

72. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għar-raba' u l-ħames domandi preliminari magħmula mill-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna, l-Awstrija):

L-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment, għandu jiġi interpretat fis-sens li jistabbilixxi rekwiżiti massimi li jistgħu jiġu imposti minn leġiżlazzjoni nazzjonali għal dak li jirrigwarda l-kontenut tal-preżentazzjoni ta' kreditu u li dan jissodisfa l-obbligu li tkun magħrufa d-data ta' tnissil tal-kreditu meta din tkun tista' tiġi dedotta mid-dokumenti pprovduti bħala annessi mad-dikjarazzjoni ta' kreditu, peress li l-validità tal-preżentazzjoni hija rregolata mil-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun infetħet il-proċedura prinċipali (*lex concursus*).

36 Ara Maréchal, C., op. cit., p. 326, parti B, l-ewwel paragrafu.

37 Ara l-Anness II, punt 6.2., tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/1105.